# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Mejju, 2023**

**Numru 11**

**Rikors Numru 161/21TA**

**John Tanti (K.I. 0378768M)**

**vs**

**Luke Anthony Saliba (K.I. 230387M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' John Tanti (l-Attur) tal-24 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi nhar it-12 ta' Mejju, 2017, ir-rikorrent, waqt il-qadi ta' dmirijietu ġewwa San Ġiljan, preċiżament fl-indirizz Dama di Picche, Triq il-Baltiku, San Ġiljan, safa mtajjar mill-intimat li kien qiegħed isuq mutur tal-għamla Yamaha-T110 bit-targa ta' reġistrazzjoni HQZ-498; (ara *piers report* datat it-12 ta' Mejju, 2017 hawn anness u mmarkat Dok A);

2. Illi b'riżultat dirett ta' dan l-inċident stradali, ir-rikorrent ġarrab korriment gravi u debilanti għad-dannu tal-persuna tiegħu kif jirriżulta mir-rapport mediku mħejji mill-konsulent ortopediku Mr. Massimo Abela fejn ir-rikorrenti ġie ċċertifikat illi sofra debilita' permanenti ta'

4%; (ara rapport mediku tal-konsulent ortopediku Mr. Massimo Abela datat il-5 ta' Marzu, 2020 hawn anness u mmarkat Dok B);

3. Illi bħala konsegwenza diretta ta' dan l-inċident, ir-rikorrent ġarrab danni ta' natura emerġenti (*damnum emergens)* kif ukoll danni futuri (*lucrum cessans*) u dan kif ser jiġi ppruvat ampjament fil-kors tal-kawża;

4. Illi għal dan l-inċident u konsegwenzjali danni, il-ħtija hija unikament imputabbli lill-intimat u dan minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll a tenur tal-artikolu 1031 u l-Artikolu 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi minkejja li l-intimat kien interpellat diversi dravi, anke permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 28 ta' Frar, 2019 u 16 ta' Frar, 2021 rispettivament, l-intimat baqa' nadempjenti u għaldaqstant ir-rikorrent ma kellu l-ebda għażla għajr illi jintavola din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti qiegħed jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat Luke Anthony Saliba huwa unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ fit-12 ta' Mejju, 2017 hawn fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrab ir-rikorrent;

2. Tillikwida, *occorrendo,* permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti mir-rikorrent konsistenti kemm f'*damnum emergens* u kif ukoll *lucrum cessans;*

3. Tikkundanna l-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittri uffiċjali tat-28 ta' Frar, 2019 u 16 ta' Frar, 2021 u bl-imgħax legali fuq it-telf ta' introjtu subit mir-rikorrent hawn fuq indikat b'effett mid-data tal-presentata ta' dan ir-rikors maħluf sad-data tal-pagament effettiv u bl-imgħax legali fuq il-bqija tad-danni likwidati skont il-liġi kontra l-intimat li huwa nġunt minn issa in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Anthony Luke Saliba (il-konvenut) tad-9 ta' April 2021 li permezz tagħha ppremetta u talab is-segwenti:

1. "Illi l-ewwel talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li l-incident awtomobilistiku *de quo* ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-esponent izda sehh unikament bi htija u negligenza da parti tar-rikorrent innifsu.

2. Hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, ir-rikorrent, b'imprudenza grassa, holoq emergenza subitanea li rrendiet impossibbli li tittiehed azzjoni tempestiva evasiva. Li wiehed jaghmel xogholijiet f'nofs ta' triq, fid-dlam, u minghajr ebda senjaletika ghall-utenti l-ohra tat-triq huwa mhux biss nuqqas gravi fil-harsien tar-regolamenti tat-toroq izda illogiku u kuntrarju ghall-buon sens.

3. Illi, di piu', hekk kif ser jirrizulta ppruvat mill-provi li ser jigu prodotti fil-perkors ta' dawn il-proceduri, fil-mument ta' l-impatt, l-esponent kien qieghed isuq b'mod korrett u ghaqli, *entro* l-parametri ta' velocità tal-imsemmija triq.

4. Illi jsewgi ghalhekk li t-tieni talba tar-rikorrent ghandha ukoll tigi rigettata billi m'hemmx danni x'jigu likwidati favurih stante li l-esponent m'ghandux ikun tenut ihallas l-ebda ammont in linea ta' danni lill-istess rikorrent, liema danni, *del resto*, jehtiegu li jigu pruvati skont il-ligi.

5. Konsegwentement it-tielet talba rikorrenti ghandha ukoll tkun michuda billi l-esponent m'ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda danni lir-rikorrent u dan ghar-ragunijiet premessi.

6. Salv eccezzjonijiet ohra premessi fil-ligi u bl-ispejjez kontra r-rikorrent."

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-Kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

**1.** Dan huwa inċident stradali li seħħ fit-12 ta' Mejju 2017 f'San Giljan fil-għaxija meta l-Attur u oħrajn kienu qegħdin jagħmlu xi xogħol f'din it-Triq konsistenti f'installazzjoni ta' apparat ta' *traffic count*. Fil-ħin tal-inċident, ġej minn din it-Triq fid-direzzjoni ta' Pembroke, il-konvenut li kien qiegħed isuq mutur bin-numru tat-targa HQZ-498. Xogħolu kien dak ta' *delivery* tal-ikel.

**2.** Il-konvenut laqat lill-Attur bil-konsegwenza li dan sofra xi debilitajiet permanenti. Il-konvenut isostni li ma ra lil ħadd u li t-triq kienet mudlama. Għalkemm interpellat biex jagħmel tajjeb għad-danni sofferti mill-Attur, dan baqa' inadempjenti biex għalhekk kellha ssir din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**3.** Kif anke jippremetti l-Attur fir-rikors ġuramentat tiegħu l-azzjoni esperita hija fost oħrajn abbażi tal-artikoli 1031u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Dawn iż-żewġ artikoli jiddisponu hekk:

*1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Meta persuna titqies li hija fi ħtija*.

u

*1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*

**4.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni għalhekk huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-konvenut, għad-danni li l-Attur jallega li soffra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.

**5.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din, jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

**6.** Kif rajna l-art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi *"kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"*. Minn din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**7.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li "min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti" (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "*l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

**8.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż u ċioe' in-ness kawżali. Din il-prevedibbilta' "*trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili"* (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le*

*conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*."

**9.** Di piu fis-**Sentenza fl-ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali"*.

**10.** Fl-aħħar nett fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech** et kien eluċidat is-segwenti:- " *… jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew lgħamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-*

*liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l-'ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja.*"

**Konsiderazzjonijiet**

**11.** Il-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu jirripudja kull responsabblita' għall-inċident. Anzi dan isostni li dan seħħ b'tort uniku tal-Attur.

**12.** PC901 jixhed "*…illi gie osservat illi t-triq kienet mudlama. Irrid nghid ukoll illi kemm Tanti u kemm Mr. Calleja, huma kienu lebsin il-florescent vests …. High visibility vests …. fit-triq ma kellhom l-ebda indikazzjoni ta' xi tabelli jew cones li jistghu jindikaw li hemm hekk kienu qeghdin isiru xi xogholijiet"* (a' fol 36, 41 42). Dan ix-xhud jgħid ukoll Mr. John Calleja, persuna oħra li kienet qed taħdem mal-Attur fil-ħin tal-inċident, kien qallu li kien qed juża t-torċ tad-dawl. Dan ix-xhud, mingħajr ma kien sollecitat, ikompli jgħid li "t-*torch kien batut u kien ta' mobile, taf inti bozza zghira"*. Il-ħaddiema qalulu li kienu xi żewġ metri lejn nofs tat-triq (a' fol 37) fil-waqt li x-xhud John Calleja jgħid li kienu metru u nofs (a' fol 51).

**13.** In kontro eżami, ix-xhud John Calleja jgħid, li f'postijiet oħra kienu joħorġu *cones* iżda f'din it-triq ma kienx hemm għalfejn "*ghax konna litteralment mat-triq*". Jgħid li t-torċ li kellu kien LED b'9 jew 12 LED's ta' bejn 20 u 25mm. "… *It is a poweful torch tasal sar-roundabout l-ohra*" (a' fol 58). Jgħid li l-ewwel darba li ra lill-mutur kien 100 metru 'l bogħod u

għalkemm resqu lura, xorta laqathom. Dan ix-xhud persistentement jgħid "*lil John* (b'referenza għall-Attur) *garru mieghu ghal erbgha metri*".

**14.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-atti u l-provi kollha b'reqqa. Jirrisulta li l-konvenut ħareġ bil-mutur tiegħu minn point A fir-ritratt esebit mill-Attur (a' fol 93). Ifisser li kien ħiereġ minn triq laterali u ġibed lejn id-direzzjoni tar-roundabout ħadra li tidher fl-istess ritratt. Huwa paċifiku, li l-inċident ġara f'point B, quddiem l-ITS. Dan dejjem b'referenza għall-istess ritratt. Dan ifisser, li bejn dawn iż-żewġ *points* kien hemm gibda mhux ħażin, fis-sens li fejn ġara l-inċident kien bosta 'l fuq'. Ma kienx il-każ, li kif il-konvenut dar mal-kantuniera sab lill-Attur u lil sieħbu ma' wiċċu u allura l-każ ta' emerġenza subitaneja, kif bħal donnha irid jagħti x'jifhem il-konvenut fit-tieni eċċezzjoni tiegħu.

**15.** *In subiecta materia* ġie ritenut illi fil-każ ta' pedestrian, għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam. Din il-Qorti tħoss li dan id-dover għandu jkun ukoll estiż għall-ħaddiema li jkunu qedgħin jesegwixxu xogħolijiet fit-triq, bħal ma huwa l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti. Minn naħa l-oħra n-negliġenza tal-utent tat-triq ma tiskaġunax lis-sewwieq tal-vettura milli xorta juża dak il-grad ta' *reasonable care* kif titlob il-liġi.

**16.** Dana kollu jingħad, sakemm ma tkunx ġiet krejata mill-pedestrian jew mill-utent tat-triq lis-sewwieq, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitaneja imprevedibbli li tirrendi impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva (ara **Appell Kriminali Il-Pulizija v. Joseph Formosa, Vol. XLIII.iv.1023**). F'sentenżi oħra ġew elaborati

sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitaneja tavvera ruħha, e.g. "*meta jaqsam f'daqqa u jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" (**Appell Kriminali Il-Pulizija v. Joseph Thornton, Vol. XLV.iv.920**) jew meta "*pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza* (**Appell Kriminali Il-Pulizija v. Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain, Vol. XLVI.iv.765**).

**17.** Dan huwa tagħlim pariment applikabbli anke għall-persuni li jkunu qegħdin jaħdmu fit-triq. Il-ħaddiema tat-toroq, għalkemm jagħmlu xogħol lodevoli u tant neċessarju, ma jgawdux xi privileġġ speċjali fis-sens, li huma għal kollox eżenti mill-obbligu li jieħdu dawk il-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex jissenjalaw il-presenza tagħhom fit-triq lit-traffiku li jkun ġej.

**18.** B'dana kollu din il-Qorti tikkonsidra, li mill-punt minn fejn ħareġ il-konvenut sakemm wasal fejn kien qiegħed jaħdem l-Attur, kien hemm medda twila ta' triq li kienet tippermettilu jintebaħ bil-presenza tal-Attur u sieħbu. Mill-provi jirrisulta, li li dawn it-tnejn minn nies kienu lebsin *fluorescent vests* u l-ewwel darba li Anthony Calleja lemaħ il-mutur kien xi mitt metru 'l bogħod, distanza li hija korroborata mir-ritratti tal-*aerial views* tat-triq, esebiti mill-partijiet.

**19.** Il-Qorti temmen ukoll li l-imsemmi Anthony Calleja, li kien qiegħed jieħu ħsieb l-kontroll tat-traffiku tassew kellu xorta ta' torċ LED li beda

jagħmel sinjali bih, dan ix-xhud jgħid ukoll li "*Kemm domna nahdmu t-tubu forsi ghaddew ghaxar karrozzi, kollha naqsu jew waqfu*" (a' fol 54). Dan ifisser, li l-konvenut biss baqa' jgħid li ma ra xejn għaliex kien id-dlam, għalkemm anke dwar dan il-fatt, hemm verżjonijiet kontrastanti bejn il-partijiet (a' fol 88).

**20.** In kontro eżami, f'mument minnhom, il-konvenut jgħid "*Jekk niftakar sewwa dan kien qieghed jaghmilli sinjal bil-mobile*" (a' fol 99 tergo). Ftit wara jsostni mod ieħor u jgħid li rrepeta dak li qallu il-Pulizija (a' fol 100 tergo). Il-Qorti temmen, li l-konvenut tassew lemaħ lil Anthony Calleja jagħmel sinjal. Ma kien hemm ebda raġuni għalfejn sewwieqa oħrajn rawh iżda hu le. Id-dlam ma hux xi forma ta' skużanti, iżda pjuttost ċirkostanza li tgħabbi lis-sewwieq bl-obbligu li jieħu l-massimu ta' prekawżjonijiet biex jevita ostakoli inaspettati li jaf iġib miegħu d-dlam li n-nhar ma jġibx.

**21.** Il-Qorti temmen li għalkemm jista' jkun li ma lemaħx mill-ewwel lill-Attur fit-triq, il-verita' hi li l-konvenut kien miexi b'veloċita' li ma ppermettitlux jagħmel azzjoni evażiva f'waqtha biex ma jseħħx l-inċident. Dan jirriżulta ukoll mill-fatt, li baqa' jkaxkar miegħu lill-Attur għal ben erbgħa metri. Anthony Calleja jispjega li "*Xejjirt it-torc bhal ma kont qed naghmel ghall-vetturi l-ohrajn u ma tax kas u baqa' gej vicin t'hawnhekk imma hadha bid-dawra lejn ic-centru tat-triq…. xejn ma tax kas, ghidtlu John dan mhux jaghti kas … u inxejjirulu bit-torc ghalxejn*".(a' fol 52). Di piu' il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut f'ebda ħin ma ra tal-inqas l-

*luminous vests* li kienu lebsin ta' kulur aħdar u oranġjo meta anke mutur għandu headlamp.

**22.** B'dan kollu il-Qorti temmen ukoll li l-Attur u sieħbu ma jistgħux ikunu eżonerati għal kollox mill-inċident. Veru li kienu lebsin il-vests u veru ukoll li wieħed minnhom kellu torċ biex jagħmel is-sinjali. Iżda t-triq kienet twila biżżejjed li tippermetti li f'ċertu distanza minn fejn kienu qegħdin jaħdmu setgħu għamlu **triangle** u **cones** biex jagħtu preavviż raġjonevoli lill-*oncoming traffic* bil-presenza tagħhom fit-triq.

**23.** In kontro eżami Calleja jgħid li f'postijiet oħra kienu joħorġu cones "*izda f'din it-triq ma kienx hemm ghalfejn ghax konna litteralment mat-triq*" (a' fol 58). Apparti li ma hux minnu li kienu litteralment mat-triq, dan l-argument ma jagħmel ebda sens partikularment meta kienu jafu li x-xogħol kellu jsir bil-lejl. Għalkemm il-presenza tas-senjaletika mhux bil-fors setgħet tevita inċident, ċertament kienet tkun salvagwardja aktar effettiva barra l-vests u torċ. Di fatti taħt it-titolu ta' *Road Works*, il-Highway Code, f'regolament 262 jinsisti mas-sewwieq li "*Do not drive through an area <u>marked off by traffic cones</u>"*. (Emfażi tal-Qorti). Għalkemm din il-parti tal-Code tindirizza lis-sewwieq, *impliciter* tfisser ukoll, li min ikun qed jaħdem fit-triq huwa mistenni li jipposizzjona dawn il-*cones*.

**24.** Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, l-Attur għandu jitqies li hu ukoll ikkontribwixxa jew ta' okkażjoni għall-inċident fis-sens kif irid artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

"J*ekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara libatiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni".*

**25.** Skond dan l-artikolu, sabiex ikun hemm kontribuzzjoni għall-ħsara, jeħtieġ –

(a) li jkun hemm att ta` negliġenza da parti tal-persuna li tkun batiet il-ħsara. Kif ingħad fis-**Sentenza Sacco et noe -vs- Bonnici, Appell Ċivili tad-19 ta' Frar 1962 – Kollez. XLVII.I.10** irid ikun hemm konkors ta' ħtijiet: dik tal-konvenut u dik tal-attur

U

(b) li din in-negliġenza tal-persuna li tkun batiet il-ħsara tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara (ara **Sentenza fl-ismijiet Bugeja noe -vs- Borg, Prim`Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Mejju 1983**).

**26.** Ma hemm ebda dubbju li li kieku l-Attur ħa ħsieb li tqegħdet senjalitika aktar effettiva, l-inċident seta' <u>possibilment</u> ikun evitat. Għalhekk minħabba dan in-nuqqas ġie li kkontribwixxa għall-ħsara li sofra.

**27.** Meta qieset iċ-ċirkostanza kollha tal-każ, il-Qorti tħoss li l-Attur għandu jassorbi 20% tal-ħtija mentri 80% fil-mija l-oħra jirrapresentaw ħtija u tort tal-konvenut.

**28.** Għalhekk issa jmiss li jkunu likwidati d-danni.

**Likwidazzjoni tad-danni**

**29.** Kif jistabilixxi l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili *l-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija* <u>*t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara*</u>*, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali,* <u>*u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem*</u>*, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.* Għalhekk id-danni dejjem ġew klassifikati f'dawk li huma *damnum emergens*, jiġifieri telf attwali u effttiv u *lucrum cessans*, jiġifieri telf fil-futur.

<u>*Damnum emergens*</u>

**30.** Dwar dan l-aspett ta' danni ma nġabet ebda prova. Għalkemm fin-nota ta' osservazzjonijiet l-Attur jirriklama is-somma ta' €4,146.24 għaliex jingħad li għamel xi xhur fejn huwa ma ħadimx, ma hemm ebda prova li tissufraga din l-asserzjoni. Għalhekk f'dan ir-rigward din il-Qorti ma hi ser tagħti ebda danni.

*Lucrum cessans*

**31.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10**

**ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

**32.** Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Fil-każ li għandha quddiemha d-diżabilita' tal-Attur, skont Massimo Abela hija ta' 45% (a' fol 16). Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021 l-konvenut qabel ma' dan ir-rapport (a' fol 45). Għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li din il-Qorti taħtar perit mediku tagħha fid-dawl ta' qbil bejn il-partijiet. Di piu' sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħdha tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

**33.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**34.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn

it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

**35.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-**Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

**36.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-**Qorti tal-Kummerċ fil-kawża Lambert -vs- Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** fejn kienet qalet hekk:

"*f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun*

*jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

**37.** Fid-data tal-inċident l-Attur kellu 49 sena għaliex twieled fl-1968 u l-inċident seħħ fit-12 ta' Mejju 2017(a' fol 65). Ma jidhirx li kellu xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevita' ta' ħajtu. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-65 (sena pensjonabbli) li jwassal għal 16 sena.

**38.** Kwantu għal-lump sum payment, Ii-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%. Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs- Camilleri tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena. Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-Kawża jidhrilha li l-perċentwali ta' 18% bħala lump sum payment ikun ġust, ikkunsidrat ukoll li l-kawża ma tantx damet.

**39.** Il-bażi tal-kalkolu tad-danni huwa dejjem l-entrojtu tal-konvenut fil-mument tal-inċident. Għal dan l-iskop din dejjem ttieħed in kwistjoni. F'każ ta' ħaddiem is-salarju tiegħu u f'każ ta' self employed, l-aħjar prova

hija dejjem ir-return tal-income tax. Iżda f'din il-Kawża, il-Qorti ma għandha ebda prova dwar l-introjtu minkejja dak li jissemma' mill-Attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. L-anqas ħass li għandu jixhed u wisq anqas ressaq prova rejali u konkreti bħal per eżempju FSR3s, lill-employer tiegħu jew xi return ta' taxxa.

**40.** F'sitwazzjoni bħal din ma jfissirx li l-Qorti għandha tiskarta għal kollox l-għotja ta' somma ta' telf ta' qliegħ futur. Jekk tagħmel hekk, tkun qed twettaq inġustizzja għaliex ma għandu jkun hemm ebda dubbju ta x'danni sofra l-Attur. In-nuqqas ta' prova tal-kwantum tal-qliegħ, ma jipprekludiex lil din il-Qorti milli tillikwida d-danni, basta l-kriterju użat ikun wieħed raġjonevoli għaliex wara kollox kien jispetta lill-Attur jippreċiża x'kien l-entrojtu tiegħu.

**41.** Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma, li għandha tapplika l-prinċipju tal-ġustizzja ekwittativa, għalkemm din trid dejjem tinżamm fil-qafas ta' dak li jiddisponu l-artikoli 1135 u 1045 tal-Kodiċi Ċivili (Ara **Sentenza fl-ismijiet Margaret Camilleri et -vs- The Cargo Handling Co Ltd deċiża fit-13 ta' Ottubru, 2004**). Dawn il-Qrati dejjem għallmu, li ma jistax ikun ddubitat li l-ġudikant għandu l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qliegħ bl-applikazzjoni tal-prinċipju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwittativa. F'deċiżjoni li tinsab **Vol. XXXV P. III p.615 tal-Kollezzjonijiet tad-Deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati**, ġie ribadit l-insenjament tal-Qorti Taljana ta' Cassazzioni fejn qalet li "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e' rimesso al Magistrato il-valutare 'ex aequo et bono'*

*second i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato*".

**42.** Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-Attur jgħid li huwa surveyor. L-unika prova li għandna f'dawn ir-rigward huwa r-rapport mediku ta' Mr. Massimo Abela fejn jindika li l-Attur huwa surveyor (ara a' fol 12). Imma għall-Qorti dan mhux biżżejjed. Ma jispettax lill-Qorti tgħid kemm jaqla' surveyor meta ma jitressqu ebda provi f'dan ir-rigward. Għalhekk il-Qorti ser tqis x'kienet il-paga medja fis-sena tal-inċident u taħdem fuq dan. Minn riċerka li għamlet il-Qorti jirriżultalha li din kienet ta' ċirca tnejn u għoxrin elf fis-sena. Għalhekk huwa fuq dan l-ammont li ser taħdem id-danni.

**43.** Di piu' il-Qorti hija tal-fehma li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa, ser jitlef il-valur magħruf bħala "purchasing power" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet. Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (Ara **Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**).

**44.** Issa ir-rata ta' inflazzjoni għas-sena 2022 kienet ta' ċirca 6% skont il-Bank Ċentrali ta' Malta. L-ammont li ser jingħata huwa fuq medda ta' ħdax-il sena. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li jekk l-ammont li ser ikun

likwidat jiġi miżjud b'6% biex jagħmel tajjeb għall-inflazzjoni tkun ħaġa ġust. Fuq medda ta' sittax-il sena (il-multiplier f'din il-Kawża) ikun ġust għalhekk li is-somma finalment tiżdied b'6%.

**45.** Għalhekk il-likwidazzjoni tad-danni hija hekk:

€22,000 (paga medja) // 16 (snin ta' ħajja) = €352,000 - 18%(lump sum) = €288,000 // 4% (rata diżabilita' permamenti) = €11,546 + €692 (6% inflazzjoni) = €12,238.

**46.** Issa kif ingħad aktar 'l fuq, tmenin fil-mija (80%) biss ta' dan l-ammont huwa dovut, stante il-kontributorjeta' tal-Attur għall-inċident imsemmi. Għalhekk l-ammont finali huwa dak ta' €9,791.

**47.** Kif ingħad aktar 'l fuq, ma rrisultax li kien hemm xi telf attwali (*damnum emergens*).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** u tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident mertu tal-Kawża fil-proporzjon ta' tmenin fil-mija 80% u konsegwentement kif ukoll għad-danni sofferti mill-Attur f'dan il-proporzjon.

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fl-ammont ta' **disat elef sebgħa mija u wieħed u disgħin ewro (€9,791)**.

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għandhom jinqasmu bejn il-partijiet fil-proporzjon fuq imsemmi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**